IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2020
COM(2020) 791 final

2020/0350 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-kriminalità u t-terroriżmu joperaw b'mod transfruntier, hekk kif il-kriminali u t-terroristi jisfruttaw il-vantaġġi miġjuba mill-globalizzazzjoni u mill-mobbiltà. Konsegwentement, l-informazzjoni kondiviża mill-pajjiżi terzi mal-UE dwar l-attività kriminali u terroristika qed issir dejjem aktar rilevanti għas-sigurtà interna tal-UE, fil-fruntiera esterna tal-UE kif ukoll fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, bħalissa hemm limiti fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi dwar persuni li jkunu suspettati jew li jinstabu ħatja ta' reati kriminali u terroristiċi fl-UE.[1] B'mod aktar speċifiku, hemm **limiti fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi ma' uffiċjali tal-ewwel linja fl-Istati Membri** (uffiċjali tal-pulizija u gwardji tal-fruntiera) meta u fejn ikunu jeħtiġuha. L-istess japplika għall-informazzjoni kondiviża mill-organizzazzjonijiet internazzjonali mal-Europol.

Pereżempju, din **il-problema tinħoloq fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex jinstabu ġellieda terroristi barranin**. Ir-rapport Terrorism Situation and Trend[2] tal-Europol ta' Ġunju 2020 jiddikjara li filwaqt li ħafna ġellieda terroristi barranin huma maħsuba li nqatlu jew ġew reklużi f'kampijiet ta' detenzjoni jew ta' refuġjati fil-Grigal tas-Sirja, għad hemm numru sostanzjali ta' ġellieda terroristi barranin li ħadd ma jaf x'sar minnhom. Skont ir-rapport, il-kaos u n-nuqqas ta' informazzjoni miż-żona ta' kunflitt irriżultaw f'informazzjoni limitata u mhux verifikabbli disponibbli għall-Istati Membri dwar il-ġellieda terroristi barranin. Bl-istess mod, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2020 dwar l-azzjoni esterna tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti jirrikonoxxu li "*l-ġellieda terroristiċi barranin se jibqgħu sfida kbira komuni għas-sigurtà għas-snin li ġejjin*", filwaqt li jesiġu kooperazzjoni u kondiviżjoni ta' informazzjoni mtejba u f'waqthom fost l-Istati Membri, mal-Europol u ma' atturi rilevanti oħra tal-UE.[3] Madankollu, l-informazzjoni li l-Europol iddaħħal fis-sistemi ta' informazzjoni tagħha, b'mod partikolari r-riżultat tal-analiżi tagħha stess ta' *data* miksuba minn pajjiżi terzi, ma tilħaqx lill-utenti finali bl-istess mod bħall-informazzjoni li l-Istati Membri jipprovdu lis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

Il-Europol tistma li bħalissa **l-informazzjoni dwar madwar 1000 ġellied terrorist barrani mhux mill-UE**, ipprovduta minn pajjiżi terzi fdati lill-Europol u lill-Istati Membri individwali, **ma ddaħħlitx fis-SIS**. Bħala l-aktar bażi ta' *data* użata b'mod mifrux għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni fl-UE, is-SIS tipprovdi lill-uffiċjali tal-ewwel linja aċċess dirett f'ħin reali għal allerti dwar persuni u oġġetti, inklużi allerti dwar persuni suspettati u kriminali. Fin-nuqqas ta' allerti fis-SIS dwar l-1000 ġellied terrorist barrani mhux mill-UE, hemm riskju li l-gwardji tal-fruntiera ma jindunawx bihom meta jfittxu li jidħlu fl-UE, jew

---

1 F'dan il-kuntest, ir-referenza għal "*persuni suspettati u kriminali*" tkopri: (a) Persuni li jkunu suspettati li wettqu jew li ħadu sehem f'reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol, jew li jkunu nstabu ħatja ta' tali reat. (b) Persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm indikazzjonijiet fattwali jew raġunijiet suffiċjenti sabiex wieħed jemmen li se jwettqu reati kriminali li fir-rigward tagħhom tkun kompetenti l-Europol.

2 https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-terrorism-situation-and-trend-report-te-sat-2020.

3 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/06/16/preventing-and-countering-terrorism-and-violent-extremism-council-adopts-conclusions-on-eu-external-action/.

meta l-uffiċjali tal-pulizija jagħmlulhom kontrolli fit-territorju tal-UE. Dan jikkostitwixxi nuqqas konsiderevoli fis-sigurtà.

F'dan ir-rigward, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-użu tasSistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għat-trattament ta' persuni involuti fit-terroriżmu jew f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu diġà fakkru fil-ħtieġa li jiġi żgurat "*li informazzjoni dwar il-ġellieda terroristi barranin tittella' fis-sistemi u pjattaformi Ewropej b'mod konsistenti u sistematiku*".[4] Il-Kunsill irrefera għal "*approċċ konsistenti ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni fuq tliet livelli dwar FTF bl-użu ottimali u konsistenti tad-data tas-SIS u tal-Europol li l-Europol tipproċessa għall-kontroverifika u għall-analiżi fil-Proġetti ta' analiżi rilevanti.*" Madankollu, **l-Istati Membri mhux dejjem ikunu jistgħu jdaħħlu l-informazzjoni minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali dwar ġellieda terroristi barranin fis-SIS** sabiex jagħmluha disponibbli għall-uffiċjali tal-ewwel linja fi Stati Membri oħra. L-ewwel nett, xi pajjiżi terzi jaqsmu *data* dwar persuni suspettati u kriminali mal-Europol biss u possibbilment ma' xi Stati Membri. It-tieni, anki jekk Stat Membru jirċievi l-informazzjoni dwar persuni suspettati u kriminali direttament mingħand il-pajjiż terz jew permezz tal-Europol, jaf ma jkunx jista' joħroġ allert dwar il-persuna kkonċernata minħabba restrizzjonijiet fid-dritt nazzjonali (eż. il-ħtieġa li tiġi stabbilita konnessjoni mal-ġurisdizzjoni nazzjonali). It-tielet, l-Istat Membru jista' ma jkollux il-mezzi sabiex janalizza u jivverifika b'mod suffiċjenti l-informazzjoni li jkun irċieva. Dan iwassal għal diskrepanza bejn l-informazzjoni dwar persuni suspettati u kriminali li l-pajjiżi terzi jagħmlu disponibbli għall-Europol u għall-Istati Membri, u d-disponibbiltà tat-tali informazzjoni għall-uffiċjali tal-ewwel linja meta u fejn ikunu jeħtiġuha.

F'termini ta' **soluzzjoni possibbli fil-livell tal-UE**, huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-**Europol** għandha informazzjoni siewja dwar persuni suspettati u kriminali li tkun irċiviet mingħand pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Ladarba l-Europol tanalizza l-informazzjoni li tirċievi mingħand pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar persuni suspettati u kriminali, inkluż billi tikkontroverifikaha mal-informazzjoni li diġà jkollha fil-bażijiet ta' *data* tagħha sabiex tikkonferma l-akkuratezza tal-informazzjoni u tikkomplementaha b'*data* oħra, il-Europol jeħtieġ li tagħmel ir-riżultat tal-analiżi tagħha disponibbli għall-Istati Membri kollha. Għal dak l-għan, il-Europol tuża s-sistemi ta' informazzjoni tagħha sabiex tagħmel analiżi ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi dwar persuni suspettati u kriminali disponibbli għall-Istati Membri. Il-Europol se ddaħħal ukoll l-informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi fil-lista ta' sorveljanza tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-obbligu li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE.[5] Il-lista ta' sorveljanza se tappoġġa lill-Istati Membri fil-valutazzjoni ta' jekk persuna li tapplika għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tkunx ta' riskju għas-sigurtà.

Madankollu, **il-Europol mhijiex kapaċi tipprovdi direttament u f'ħin reali lill-uffiċjali tal-ewwel linja fl-Istati Membri b'informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi li jkollha dwar persuni suspettati u kriminali**. L-uffiċjali tal-ewwel linja ma għandhomx aċċess immedjat għas-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol jew għad-*data* mdaħħla mill-Europol fil-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS. Is-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol jappoġġaw il-ħidma tal-investigaturi, tal-uffiċjali tal-intelligence kriminali u tal-analisti fl-Istati Membri. Filwaqt li huwa f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi liema awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom

---

4 https://www.consilium.europa.eu/media/36284/st09680-en18.pdf.

5 Ir-Regolament (UE) 2018/1240.

il-permess li jikkooperaw direttament mal-Europol[6], tipikament ma jkun hemm l-ebda possibbiltà għall-uffiċjali tal-ewwel linja li jaċċessaw is-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol.

Filwaqt li l-Europol tista' tivverifika lill-persuni fis-SIS, u minn Marzu 2021 se tiġi informata bil-hits dwar allerti relatati mat-terroriżmu maħruġa minn Stati Membri oħra, il-Europol ma tistax toħroġ allerti fis-SIS bħala l-aktar bażi ta' *data* użata b'mod wiesa' għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni fl-UE li hija direttament aċċessibbli għall-gwardji tal-fruntiera u għall-uffiċjali tal-pulizija. Għalhekk, informazzjoni kruċjali miksuba minn pajjiżi terzi miżmuma mill-Europol dwar persuni suspettati u kriminali tista' ma tilħaqx lill-utenti finali fil-livell nazzjonali meta u fejn ikunu jeħtiġuha. Dan jinkludi l-analiżi tal-Europol tad-*data* li jirċievi mingħand pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar ġellieda terroristi barranin, iżda anki dwar persuni involuti fil-kriminalità organizzata (eż. traffikar tad-drogi) jew kriminalità serja (eż. abbuż sesswali tat-tfal).

B'riflessjoni tad-differenzi fl-iskop bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Europol u s-SIS, hemm differenza kbira fl-ilħiq ta' dawn is-sistemi.

| | **Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol** | **Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen** |
|---|---|---|
| **Utenti** | 8 587 utent (tmiem l-2019) | Kull uffiċjal tal-ewwel linja fl-Istati Membri[7] (gwardji tal-fruntiera u uffiċjali tal-pulizija) |
| **Numru ta' verifiki (fl-2019)**[8] | 5,4 miljun | 6,6 biljun |

Sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas fis-sigurtà, **l-objettiv ta' din il-proposta huwa li tiġi stabbilita kategorija ġdida ta' allerti speċifikament għall-Europol**, sabiex l-informazzjoni tiġi pprovduta direttament u f'ħin reali lill-uffiċjali tal-ewwel linja. Għal dan l-għan, huwa meħtieġ li jiġu emendati kemm ir-Regolament (UE) 2016/794 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)[9] kif ukoll ir-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta'

6 L-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2016/794.

7 25 Stat Membru jipparteċipaw fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja). L-Irlanda u Ċipru jinsabu fil-proċess li jkunu konnessi mas-sistema fl-2021. Erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen huma konnessi mas-sistema (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera). Il-Europol, it-timijiet skjerati mill-Frontex u mill-Aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali, il-Eurojust, għandhom aċċess għal partijiet speċifiċi tas-sistema iżda ma jistgħux joħorġu allerti fis-sistema.

8 Għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, it-tabella turi l-verifiki kollha mwettqa fl-2019 mill-utenti kollha li għandhom aċċess għas-sistema. Meta jivverifikaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-utenti jkunu qed jivverifikaw id-*data* ma' dawk l-allerti li jkollhom aċċess għalihom (li mhux fil-każijiet kollha jkunu jinkludu allerti dwar l-infurzar tal-liġi).

9 Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI *(ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).*

Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.[10] Minħabba l-ġeometrija varjabbli, filwaqt li Stati Membri differenti jipparteċipaw f'dawn iż-żewġ Regolamenti, l-emendi huma ppreżentati f'żewġ proposti separati li, però, huma loġikament marbuta ma' xulxin.

Din il-proposta tikkonċerna l-emenda tar-Regolament (UE) 2018/1862. Il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-**Europol li toħroġ "allerti ta' informazzjoni"** dwar persuni suspettati u kriminali bħala kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS, għall-użu esklussiv mill-Europol f'każijiet u f'ċirkostanzi speċifiċi u ddefiniti sew. Din hija bidla fundamentali importanti għas-SIS, peress li sa issa, l-Istati Membri biss setgħu jdaħħlu, jaġġornaw u jħassru d-*data* fis-SIS u l-Europol kellha aċċess sabiex "taqra biss," li jkopri l-kategoriji kollha ta' allerti. Il-Europol tkun tista' toħroġ allerti fuq il-bażi tal-**analiżi tagħha ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi jew ta' informazzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali**, fl-ambitu ta' reati li jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol u biss fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex benefiċjarji tad-drittijiet tal-moviment liberu.

L-**iskop tal-kategorija l-ġdida ta' allerti** huwa li fil-każ ta' "hit", l-allert jinforma lill-uffiċjal tal-ewwel linja li l-persuna kkonċernata tkun suspettata li hija involuta f'reat kriminali li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Europol. Bħala azzjoni li għandha tittieħed, il-fatt li l-persuna tiġi lokalizzata u l-post, il-ħin u r-raġuni għall-kontroll jiġu rrapportati lura lill-Europol (permezz tal-Uffiċċju SIRENE nazzjonali). Minbarra dan ir-rapportar, ma jkun hemm l-ebda obbligu ulterjuri fuq l-Istat Membru fejn tkun seħħet il-"hit". Madankollu, l-Istat Membru li jeżegwixxi l-allert ikun jista' jiddetermina, fuq bażi ta' każ b'każ, inkluż fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' sfond riċevuta mingħand il-Europol, jekk ikunx hemm bżonn li jittieħdu aktar miżuri fir-rigward tal-persuna skont id-dritt nazzjonali u bid-diskrezzjoni sħiħa ta' dak l-Istat Membru.

Billi l-iskambju ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali dwar persuni suspettati u kriminali jinkludi l-ipproċessar ta' *data* personali, il-valutazzjoni tal-għażliet ta' politika sabiex tiġi indirizzata l-problema identifikata **tqis bis-sħiħ l-obbligu li jiġu rrispettati d-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali**.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika u ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib ma' u tikkomplementa politiki oħra tal-Unjoni, jiġifieri:

(1) is-sigurtà interna, b'mod partikolari l-"pakkett Kontra t-Terroriżmu" li din il-proposta tagħmel parti minnu;

(2) il-protezzjoni tad-*data*, peress li din il-proposta tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' individwi li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata fis-SIS;

(3) il-politiki esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-ħidma tad-delegazzjonijiet tal-UE u l-politika kontra t-terroriżmu/dwar is-sigurtà f'pajjiżi terzi.

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib ma' leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u tikkomplementaha, jiġifieri:

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE *(ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56)*.

(1) dwar il-Europol, peress li din il-proposta tagħti drittijiet addizzjonali lill-Europol sabiex tipproċessa u tiskambja *data*, fi ħdan il-mandat tagħha, fis-SIS;

(2) dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni: il-proposta tikkomplementa l-prinċipju fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[11] tat-twettiq ta' kontrolli sistematiċi kontra bażijiet ta' *data* rilevanti tal-vjaġġaturi kollha mad-dħul u mal-ħruġ fiż-żona Schengen, kif stabbilit b'rispons għall-fenomenu tal-ġellieda terroristi barranin;

(3) dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) li tipprovdi għal valutazzjoni bir-reqqa tas-sigurtà, inkluża verifika fis-SIS, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun biħsiebhom jivvjaġġaw lejn l-UE;

(4) dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)[12] inkluża verifika fis-SIS, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal viża.

Barra minn hekk , il-proposta tinkludi emendi addizzjonali għar-Regolament (UE) 2018/1862 sabiex tallinja d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari d-dritt ta' aċċess, ir-rettifika ta' *data* mhux preċiża u t-tħassir ta' *data* maħżuna illegalment, ir-rimedji u r-responsabbiltà mar-Regolament (UE) 2016/794 u mar-Regolament (UE) 2018/1725 peress li dawk l-allinjamenti huma meħtieġa minħabba l-kategorija l-ġdida ta' allerti li għandha tiddaħħal mill-Europol.

Fl-aħħar nett, bħala konsegwenza ta' din il-proposta, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kemm dwar l-ETIAS kif ukoll dwar il-VIS jeħtieġ li tiġi vvalutata sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhiex tiġi inkluża, bħala parti mill-valutazzjoni tas-sigurtà bil-quddiem, il-kategorija l-ġdida ta' allerti tas-SIS fi ħdan l-ipproċessar awtomatizzat imwettaq mill-ETIAS u mill-VIS. F'dan l-istadju għadu mhuwiex possibbli li titwettaq din il-valutazzjoni, peress li r-regolamenti dwar l-ETIAS u l-VIS bħalissa qed jiġu nnegozjati fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Il-Kummissjoni se tippreżenta emendi konsegwenzjali għal kull wieħed minn dawn l-istrumenti wara li jiġu konklużi n-negozjati.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Din il-proposta temenda r-Regolament (UE) 2018/1862 u tuża waħda mill-bażijiet ġuridiċi tiegħu, jiġifieri l-Artikolu 88(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi ġuridika. L-Artikolu 88 tat-TFUE jirreferi għall-mandat tal-Europol u l-punt (2)(a) ta' dan l-Artikolu speċifikament għall-ġbir, għall-ħżin, għall-ipproċessar, għall-analiżi u għall-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari dik mibgħuta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew minn pajjiżi jew minn korpi terzi.

---

[11] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar

is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perijodu qasir

(Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81).

- **Ġeometrija varjabbli**

Din il-proposta tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija u mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Għalhekk, iridu jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi li ġejjin konnessi mad-diversi protokolli u ftehimiet mal-pajjiżi assoċjati:

id-Danimarka: F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament se jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimentah fid-dritt nazzjonali tagħha.

l-Irlanda: L-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 anness mat-TUE u mat-TFUE u mal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[13] u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745[14].

l-Iżlanda u n-Norveġja: dan ir-Regolament se jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[15], li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fil-punt (G) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[16].

L-Iżvizzera: dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[17], li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fil-punt (G) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI[18].

Il-Liechtenstein: dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[19], li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi

---

13 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiehu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

14 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745 tat-18 ta' Novembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-*data* u dwar l-implimentazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-Irlanda (ĠU L 393, 23.11.2020, p. 3).

15 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

16 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

17 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

18 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

19 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

fil-punt (G) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE[20].

Il-Bulgarija u r-Rumanija: dan ir-Regolament se jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, u jenħtieġ li jinqara flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE[21] u (UE) 2018/934[22].

il-Kroazja: dan ir-Regolament se jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011, u jenħtieġ li jinqara flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733[23].

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-TUE, jenħtieġ li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE biss meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar mill-UE.

Din il-proposta se tiżviluppa u tibni fuq is-SIS eżistenti, li ilha topera mill-1995. Il-qafas intergovernattiv oriġinali ġie ssostitwit bi strumenti tal-Unjoni fid-9 ta' April 2013 [ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI]. Fit-28 ta' Novembru 2018, ġew adottati tliet Regolamenti ġodda dwar is-SIS: Ir-Regolament (UE) 2018/1860[24] dwar l-użu tas-SIS fil-qasam tar-ritorn, ir-Regolament (UE) 2018/1861[25] dwar l-użu tas-SIS fil-qasam tal-fruntieri u r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-użu tas-SIS fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Fl-aħħar tal-2021, dawn ir-Regolamenti se jħassru u jissostitwixxu l-qafas legali preċedenti li jirregola s-SIS.

F'okkażjonijiet preċedenti twettqet analiżi sħiħa tas-sussidjarjetà; din l-inizjattiva hija ffokata fuq l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti li għandha tiddaħħal fis-SIS mill-Europol, billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/1862.

Dan il-livell konsiderevoli ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol permezz tas-SIS ma jistax jinkiseb permezz ta' soluzzjonijiet deċentralizzati. Minħabba l-iskala, l-effetti u l-impatti tal-azzjoni, din il-proposta tista' tintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. L-objettivi ta' din il-proposta jinkludu, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti proċedurali u legali għall-

20 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

21 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal- acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17).

22 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

23 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

24 ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1.

25 ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14.

Europol sabiex jiddaħħlu allerti fis-SIS kif ukoll rekwiżiti tekniċi għall-Europol sabiex tiġi stabbilita interfaċċa teknika li permezz tagħha tkun tista' ddaħħal, taġġorna u tħassar allerti.

Jekk ma jiġux indirizzati l-limitazzjonijiet eżistenti għas-SIS, jeżisti riskju li jintilfu diversi opportunitajiet għal massimizzazzjoni tal-effiċjenza u valur miżjud tal-UE u li jkun hemm theddidiet moħbijin li jikkonċernaw is-sigurtà li jfixklu l-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, jeħtieġ li n-natura u l-intensità ta' miżura partikolari jkunu jaqblu mal-problema identifikata. Il-problemi kollha indirizzati f'din l-inizjattiva jitolbu, b'xi mod jew ieħor, **appoġġ fil-livell tal-UE** għall-Istati Membri sabiex jindirizzaw dawn il-problemi b'mod effettiv:

L-inizjattiva proposta tikkostitwixxi emenda tas-SIS fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. F'termini tad-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali, din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonata peress li tipprovdi għal proċeduri u għal salvagwardji speċifiċi meta jiddaħħlu allerti mill-Europol kif ukoll regoli speċifiċi dwar it-tħassir ta' allerti u ma teħtieġx il-ġbir u l-ħżin ta' *data* għal żmien itwal milli jkun assolutament meħtieġ sabiex is-sistema tkun tista' tiffunzjona u tilħaq l-objettivi tagħha. L-allerti tas-SIS imdaħħla mill-Europol se jkun fihom biss id-*data* li tkun meħtieġa sabiex tiġi identifikata persuna. Id-dettalji addizzjonali l-oħra kollha huma pprovduti permezz tal-Uffiċċji SIRENE li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari. Barra minn hekk, il-proposta tipprovdi għall-implimentazzjoni tas-salvagwardji u tal-mekkaniżmi meħtieġa kollha għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data,* b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-*data* personali tagħhom.

Il-miżura prevista hija proporzjonata fis-sens li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ f'termini ta' azzjoni fil-livell tal-UE sabiex jintlaħqu l-objettivi definiti. L-allert imdaħħal mill-Europol ikun soluzzjoni "tal-aħħar istanza" f'każijiet meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jew ma jkollhomx l-intenzjoni li jdaħħlu allerti dwar il-persuna kkonċernata, li għalihom jista' jsir rikors biss f'każijiet meta d-dħul tal-allert ikun meħtieġ u proporzjonat. L-azzjoni li għandha tittieħed se tkun limitata għall-provvista ta' informazzjoni dwar il-post u l-ħin tal-verifika li fiha tkun seħħet il-hit dwar l-allert tal-Europol.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-reviżjoni proposta se tieħu l-forma ta' Regolament u se temenda r-Regolament (UE) 2018/1862 sabiex tintroduċi kategorija ġdida ta' allerti li għandha tiddaħħal fis-SIS mill-Europol. Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 88(2) tat-TFUE li huwa wkoll il-bażi ġuridika tar-Regolament (UE) 2018/1862 li se temenda.

Il-forma ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill trid tintgħażel billi d-dispożizzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha kif ukoll mill-Europol. Il-proposta se tibni fuq u ssaħħaħ sistema ċentralizzata eżistenti li permezz tagħha l-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin, xi ħaġa li tirrikjedi arkitettura u regoli operattivi vinkolanti komuni.

Il-bażi ġuridika tesiġi l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Barra minn hekk, il-proposta tipprovdi għal regoli direttament applikabbli li jippermettu li s-suġġetti tad-*data* jaċċessaw id-*data* proprja kif ukoll rimedji mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' miżuri ta' implimentazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward. Bħala konsegwenza, Regolament biss jista' jintgħażel bħala strument legali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Sabiex jiġi żgurat li l-interess pubbliku ġenerali jiġi kkunsidrat kif xieraq fl-approċċ tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-mandat tal-Europol, inkluż il-kompitu li jiddaħħlu allerti fis-SIS, is-servizzi tal-Kummissjoni identifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti u kkonsultawhom matul it-tħejjija ta' din l-inizjattiva kollha. Is-servizzi tal-Kummissjoni fittxew fehmiet mingħand firxa wiesgħa ta' esperti fis-suġġett, mingħand awtoritajiet nazzjonali, mingħand organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u mingħand membri tal-pubbliku dwar l-aspettattivi u t-tħassib tagħhom relatati mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Europol fl-appoġġ lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u fl-investigazzjoni effettivi tal-kriminalità.

Matul il-proċess ta' konsultazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni applikaw varjetà ta' metodi u ta' forom ta' konsultazzjoni.[26] Dawn kienu jinkludu:

- il-konsultazzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, li talbiet opinjonijiet mingħand il-partijiet interessati kollha;
- konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati permezz ta' kwestjonarju;
- intervisti ma' esperti; u
- workshops tematiċi mmirati għall-partijiet ikkonċernati li ffokaw fuq esperti fis-suġġett, inklużi prattikanti fil-livell nazzjonali. B'kunsiderazzjoni tat-teknikalitajiet u tal-ispeċifiċitajiet tas-suġġett, is-servizzi tal-Kummissjoni ffokaw fuq konsultazzjonijiet immirati, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali u tal-UE.

Id-diversità tal-perspettivi wriet l-importanza tagħha fis-sostenn lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-inizjattiva tagħha tindirizza l-ħtiġijiet, u tqis it-tħassib, ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, ippermettiet lill-Kummissjoni tiġbor *data*, fatti u fehmiet meħtieġa u indispensabbli dwar ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE ta' din l-inizjattiva.

Fid-dawl tal-pandemija tal-Covid-19 u tar-restrizzjonijiet relatati u tal-inabbiltà ta' interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'ambjenti fiżiċi, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni ffokaw fuq alternattivi applikabbli bħal stħarriġiet online, intervisti telefoniċi semistrutturati, kif ukoll laqgħat permezz ta' vidjokonferenza.

Il-partijiet ikkonċernati ġeneralment jappoġġaw it-tisħiħ tal-mandat legali tal-Europol sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġew inkorporati matul il-valutazzjoni tal-impatt u t-tħejjija tal-inizjattiva.

---

[26] Ta' min jinnota li l-attivitajiet ta' konsultazzjoni użati servew sabiex jinġabru informazzjoni u argumenti. Mhumiex stħarriġiet, minħabba li jirreferu għal kampjuni mhux rappreżentattivi tal-partijiet ikkonċernati jew tal-popolazzjoni ġenerali u, għalhekk, ma jippermettux li jinħarġu konklużjonijiet.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mar-rekwiżiti għal Regolamentazzjoni Aħjar, tħejjiet Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2016/794. Dan ir-rapport ivvaluta l-kwistjoni tal-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS esklussivament għall-Europol, li tirrifletti r-rwol u l-kompetenzi tal-Europol, kif ukoll is-salvagwardji meħtieġa.

Ġewx ikkunsidrati diversi għażliet politiċi leġiżlattivi. L-għażliet politiċi li ġejjin ġew ivvalutati f'dettall sħiħ:

- Għażla politika 1: il-Europol titħalla toħroġ allerti ta' "verifika diskreta" fis-SIS;
- Għażla politika 2: l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS li għandha tintuża esklussivament mill-Europol.

Wara valutazzjoni dettaljata tal-impatt ta' dawn l-għażliet politiċi, ġie konkluż li l-għażla politika preferuta hija l-għażla 2. Din l-għażla politika preferuta hija riflessa f'din l-inizjattiva.

L-għażla politika preferuta 2 twieġeb b'mod effettiv għall-problemi identifikati u ttejjeb il-kapaċità tal-Europol li tipprovdi lill-uffiċjali tal-ewwel linja bl-analiżi tagħha ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi dwar persuni suspettati u kriminali.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta żżid kategorija ġdida ta' allerti – li għandha tiddaħħal mill-Europol – ma' sistema eżistenti, u għalhekk tibni fuq salvagwardji importanti u effettivi li diġà ġew stabbiliti. Madankollu, hekk kif is-sistema tkompli tipproċessa d-*data* personali għal skop ġdid, hemm impatti potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali ta' individwu. Dawn ġew ikkunsidrati bir-reqqa, u ġew stabbiliti salvagwardji addizzjonali sabiex jillimitaw l-ipproċessar tad-*data* mill-Europol għal dak li jkun strettament neċessarju u meħtieġ mil-lat operazzjonali.

F'din il-proposta ġew stabbiliti perijodi ta' żmien ċari għar-rieżami tad-*data* għall-kategorija l-ġdida ta' allerti. Il-perijodu ta' rieżami huwa stabbilit għal massimu ta' sena, li huwa l-iqsar perijodu ta' rieżami applikat fis-SIS. Hemm rikonoxximent espliċitu u dispożizzjoni għad-drittijiet tal-individwi għall-aċċess u għar-rettifika tad-*data* relatata magħhom, u għat-talba ta' tħassir skont id-drittijiet fundamentali tagħhom.

L-iżvilupp u l-effettività kontinwa tas-SIS se jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-persuni fis-soċjetà.

Il-proposta tiggarantixxi d-dritt tas-suġġett tad-*data* għal rimedji effettivi disponibbli sabiex jikkontesta kwalunkwe deċiżjoni, li f'kull każ għandu jinkludi rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tas-SIS kurrenti billi tintroduċi kategorija ġdida ta' allerti għall-Europol.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta tirrifletti t-tibdiliet meħtieġa għall-istabbiliment ta' din il-kategorija l-ġdida ta' allerti fis-SIS Ċentrali minn eu-LISA, l-Aġenzija tal-UE responsabbli għall-ġestjoni u għall-iżvilupp tas-SIS Ċentrali. Fuq il-bażi ta'

valutazzjoni tad-diversi aspetti tal-ħidma meħtieġa fir-rigward tas-SIS Ċentrali mill-eu-LISA, ir-Regolament propost jeħtieġ ammont globali ta' EUR 1 820 000 għall-perijodu 2021-2022.

Il-proposta jkollha wkoll impatt fuq l-Istati Membri għaliex teħtieġ li dawn jaġġornaw is-sistemi nazzjonali tagħhom, konnessi mas-SIS Ċentrali, sabiex ikunu jistgħu juru l-allert tal-Europol lill-utenti finali tagħhom. L-ispejjeż relatati mal-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali konnessi mas-SIS Ċentrali għandhom ikunu koperti mir-riżorsi disponibbli għall-Istati Membri taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 il-ġdid għall-iżvilupp u għall-manutenzjoni tas-SIS.

Il-proposta tirrikjedi wkoll li l-Europol tistabbilixxi interfaċċa teknika għad-dħul, għall-aġġornar u għat-tħassir tad-*data* fis-SIS Ċentrali. Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża mal-proposta sabiex jiġi emendat ir-regolament tal-Europol tkopri l-ispejjeż relatati mat-twaqqif ta' din l-interfaċċa mill-Europol.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2018/1862, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-eu-LISA se jirrieżaminaw u jimmonitorjaw b'mod regolari l-użu tas-SIS, sabiex jiżguraw li din tkompli tiffunzjona b'mod effettiv u effiċjenti.

Il-Kummissjoni se tkun megħjuna mill-Kumitat SIS-SIRENE (Formazzjoni tal-pulizija) fl-implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi u operazzjonali kif deskritti fil-proposta permezz tal-emendar tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2018/1862 jipprevedi l-evalwazzjoni tal-użu tas-SIS mill-Europol, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta mwettqa mill-Kummissjoni tal-anqas kull ħames snin. Din l-evalwazzjoni se tkopri l-proċeduri tal-Europol sabiex iddaħħal id-*data* fis-SIS. Il-Europol se jkollha tiżgura li jingħata segwitu adegwat għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-evalwazzjoni. Jintbagħat rapport dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u s-segwitu tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2018/1862 jinkludi dispożizzjonijiet fl-Artikolu 74(9) għal proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni formali u regolari li se jkun applikabbli wkoll għall-kategorija l-ġdida ta' allerti introdotta b'din l-emenda.

Kull erba' snin, il-Kummissjoni hija meħtieġa twettaq, u taqsam mal-Parlament u mal-Kunsill, evalwazzjoni ġenerali tas-SIS u tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Din se:

- teżamina r-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi;
- tevalwa jekk il-ġustifikazzjoni sottostanti għas-sistema għadhiex valida;
- teżamina kif ir-Regolament qiegħed jiġi applikat għas-sistema ċentrali;
- tevalwa s-sigurtà tas-sistema ċentrali;
- tesplora implikazzjonijiet għall-funzjonament tas-sistema fil-ġejjieni.

Kull sentejn, l-eu-LISA hija meħtieġa tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tekniku – inkluża s-sigurtà – tas-SIS, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni li

ssostniha, u l-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Istati Membri kif ukoll is-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'.

L-eu-LISA hija inkarigata li tipprovdi statistika ta' kuljum, ta' kull xahar u annwali dwar l-użu tas-SIS, sabiex jiġi żgurat monitoraġġ kontinwu tas-sistema u tal-funzjonament tagħha meta mqabbla mal-objettivi.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tippermetti lill-Europol li toħroġ "allerti ta' informazzjoni" dwar persuni suspettati u kriminali bħala kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS, għall-użu esklussiv mill-Europol f'każijiet u f'ċirkostanzi speċifiċi u ddefiniti sew. Il-Europol tkun tista' toħroġ allerti bħal dawn fuq il-bażi tal-analiżi tagħha ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi jew ta' informazzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali, u fi ħdan l-ambitu ta' reati li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Europol u biss fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi.[27] Dan l-objettiv speċifiku jillimita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi għal persuni suspettati u kriminali.

L-iskop tal-kategorija l-ġdida ta' allert huwa li, fil-każ ta' "hit", l-allert jinforma lill-uffiċjal tal-ewwel linja li l-Europol ikollha informazzjoni dwar il-persuna. B'mod aktar speċifiku, l-allert jinforma li l-Europol ikollha informazzjoni li tagħti raġunijiet sabiex dik il-persuna titqies li jkollha l-intenzjoni li twettaq jew li qed twettaq wieħed mir-reati li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Europol, jew li valutazzjoni ġenerali tal-informazzjoni disponibbli għall-Europol tagħti raġuni sabiex wieħed jemmen li l-persuna tista' twettaq tali reat fil-futur.

Il-proposta tistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti proċedurali li l-Europol għandha tissodisfa qabel ma ddaħħal allert fis-SIS. Dawn il-passi proċedurali jiżguraw il-legalità tad-dħul tal-allert kif ukoll il-prijorità tal-allerti mdaħħla mill-Istati Membri u li tiġi kkunsidrata kwalunkwe oġġezzjoni mill-Istati Membri.

L-ewwel nett, il-Europol għandha tanalizza l-informazzjoni li tirċievi mingħand pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, eż. billi tqabbilha ma' informazzjoni oħra disponibbli, sabiex tivverifika l-akkuratezza tagħha u tikkomplementa l-istampa ta' informazzjoni. Jekk ikun meħtieġ, il-Europol għandha twettaq aktar skambju ta' informazzjoni mal-pajjiż terz jew mal-organizzazzjoni internazzjonali. Il-Europol għandha tevalwa wkoll jekk id-dħul tal-allert ikunx meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tiegħu kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/794.

It-tieni, il-Europol trid tivverifika li ma jkun hemm l-ebda allert fis-SIS dwar l-istess persuna.

It-tielet, il-Europol trid taqsam l-informazzjoni miġbura dwar il-persuna kkonċernata mal-Istati Membri kollha u twettaq konsultazzjoni minn qabel sabiex tikkonferma li l-ebda Stat Membru ma jkollu l-intenzjoni li jdaħħal l-allert huwa stess fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-Europol u li l-Istati Membri ma joġġezzjonawx għad-dħul tal-allert mill-Europol. Dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw li jekk Stat Membru jqis li jkollu biżżejjed informazzjoni u raġunijiet sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1862 kif ukoll id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu għad-dħul tal-allert huwa stess, ikollu l-possibbiltà li jagħmel dan, u dan l-allert jieħu preċedenza. F'dan il-każ, l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiddeterminaw il-kategorija ta' allerti rilevanti disponibbli għalihom, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2018/1862 u joħorġu allert. L-Istati Membri jkollhom ukoll il-

[27] F'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2018/1862, din tkun tkopri persuni li jkun hemm indikazzjoni ċara li jkun biħsiebhom iwettqu jew li qed iwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati li għalihom tkun kompetenti l-Europol, jew persuni li valutazzjoni ġenerali (b'mod partikolari fuq il-bażi ta' reati kriminali tal-passat) tagħti raġunijiet sabiex wieħed jemmen li fil-futur jistgħu jwettqu wieħed mir-reati li għalihom tkun kompetenti l-Europol.

possibbiltà li joġġezzjonaw għall-allert li jkun se jiddaħħal mill-Europol, f'każijiet ġustifikati, b'mod partikolari jekk is-sigurtà nazzjonali tagħhom tkun titlob hekk jew meta x'aktarx li l-allert ikun jirrappreżenta riskju għal inkjesti, għal investigazzjonijiet jew għal proċeduri uffiċjali jew legali jew jekk jiksbu informazzjoni ġdida dwar il-persuna li tkun is-suġġett tal-allert li tbiddel il-valutazzjoni tal-każ.

Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ tal-protezzjoni tad-*data* mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, il-Europol għandha żżomm rekords dettaljati relatati mad-dħul tal-allert fis-SIS u mar-raġunijiet għal tali dħul li jippermettu verifika tal-konformità mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali.

Fl-aħħar nett, il-Europol għandha tinforma lill-Istati Membri kollha bid-dħul tal-allert fis-SIS permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.

Barra minn hekk, il-proposti jallinjaw l-obbligi u r-rekwiżiti tal-Europol meta jiddaħħlu l-allerti fis-SIS mal-Istati Membri li joħorġu l-allert. Dawn ir-rekwiżiti jikkonċernaw: il-kategoriji ta' *data*, il-proporzjonalità, il-kontenut minimu ta' *data* sabiex jiddaħħal allert, id-dħul ta' *data* bijometrika, regoli ġenerali dwar l-ipproċessar tad-*data*, il-kwalità tad-*data* fis-SIS kif ukoll regoli dwar id-distinzjoni bejn persuni b'karatteristiċi simili, b'identità użata ħażin u b'konnessjonijiet.

Bħala azzjoni li għandha tittieħed, l-uffiċjal tal-ewwel linja jkun meħtieġ jirrapporta minnufih l-okkorrenza tal-"hit" lill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali, li min-naħa tiegħu jikkuntattja lill-Europol. L-uffiċjal tal-ewwel linja jirrapporta biss li l-persuna li tkun is-suġġett ta' allert ġiet lokalizzata u jindika l-post, il-ħin u r-raġuni għall-verifika mwettqa. Minbarra dan l-obbligu ta' rapportar bħala miżura mhux koerċitiva, ma jkun hemm l-ebda obbligu ulterjuri fuq l-Istat Membru fejn tkun seħħet il-"hit". L-"allert ta' informazzjoni" ma jkunx jimponi obbligu fuq l-uffiċjali tal-ewwel linja tal-Istati Membri sabiex jivverifikaw b'mod diskret il-persuna taħt allert u jiġbru sett ta' informazzjoni dettaljata jekk jiltaqgħu magħha fil-fruntiera esterna jew fi ħdan it-territorju tal-UE. Minflok, l-Istat Membru li jeżegwixxi l-allert ikun liberu li jiddetermina, fuq bażi ta' każ b'każ, inkluż fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' sfond riċevuta mingħand il-Europol, jekk ikunx hemm bżonn li jittieħdu aktar miżuri fir-rigward tal-persuna kkonċernata. Tali miżuri ulterjuri jittieħdu skont id-dritt nazzjonali u soġġetti għad-diskrezzjoni sħiħa tal-Istat Membru.

B'mod simili għal kategoriji oħra ta' allert, il-proposta tiddefinixxi l-perijodu ta' rieżami għall-allerti mdaħħla mill-Europol kif ukoll ir-regoli dwar it-tħassir tal-allerti li huma speċifiċi għal dan it-tip ta' allert. Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li allert jinżamm biss għaż-żmien li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq l-iskop li għalih ikun iddaħħal. Jenħtieġ li allert imdaħħal mill-Europol fis-SIS jitħassar, b'mod partikolari, jekk il-persuna li tkun is-suġġett tal-allert ma tibqax taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-kategorija ta' allert, Stat Membru joġġezzjona għall-inklużjoni ta' tali allert, Stat Membru jdaħħal allert ieħor fis-SIS jew jekk il-Europol issir taf li l-informazzjoni li tkun irċiviet mingħand il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali ma kinitx korretta jew kienet ikkomunikata lill-Europol għal finijiet illegali, pereżempju jekk il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-persuna kienet motivata minn raġunijiet politiċi.

Il-proposta tinkludi emendi għar-Regolament (UE) 2018/1862 sabiex tallinja d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari d-dritt ta' aċċess, ir-rettifika ta' *data* mhux preċiża u t-tħassir ta' *data* maħżuna illegalment, ir-rimedji u r-responsabbiltà mar-Regolament (UE) 2016/794 u mar-Regolament (UE) 2018/1725 peress li dawk l-allinjamenti huma meħtieġa minħabba l-kategorija l-ġdida ta' allerti li għandha tiddaħħal mill-Europol.

2020/0350 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS") tikkostitwixxi għodda essenzjali sabiex jinżamm livell għoli ta' sigurtà fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni billi tappoġġa l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari l-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u l-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew għall-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali. Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għas-SIS fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) L-allerti dwar persuni u oġġetti mdaħħla fis-SIS isiru disponibbli f'ħin reali direttament lill-utenti finali kollha tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li jużaw is-SIS skont ir-Regolament (UE) 2018/1862. L-allerti tas-SIS fihom informazzjoni dwar persuna jew oġġett partikolari kif ukoll struzzjonijiet għall-awtoritajiet dwar x'għandhom jagħmlu meta jsibu dik il-persuna jew dak l-oġġett.

(3) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), imwaqqfa permezz tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29], għandha rwol importanti fl-użu tas-SIS u fl-iskambju ta' informazzjoni

---

[28] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

[29] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u

supplimentari mal-Istati Membri dwar allerti tas-SIS. Madankollu, skont ir-regoli eżistenti, l-allerti fis-SIS jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(4) Minħabba n-natura dejjem aktar globali tal-kriminalità serja u tat-terroriżmu li ġġib magħha l-mobilità dejjem akbar, l-informazzjoni li pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali u l-Qorti Kriminali Internazzjonali, jiksbu dwar kriminali u terroristi qed issir dejjem aktar rilevanti għas-sigurtà tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali informazzjoni tikkontribwixxi għall-isforzi komprensivi sabiex tiġi żgurata s-sigurtà interna fl-Unjoni Ewropea. Parti minn din l-informazzjoni tiġi kondiviża biss mal-Europol. Filwaqt li l-Europol għandha informazzjoni siewja riċevuta mingħand sħab esterni dwar kriminali serji u terroristi, hija ma tistax toħroġ allerti fis-SIS. L-Istati Membri mhux dejjem ikunu jistgħu joħorġu allerti fis-SIS fuq il-bażi ta' tali informazzjoni.

(5) Sabiex titnaqqas id-diskrepanza fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-kriminalità serja u t-terroriżmu, b'mod partikolari dwar ġellieda terroristi barranin – meta l-monitoraġġ tal-moviment tagħhom ikun kruċjali – huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tagħmel din l-informazzjoni disponibbli direttament u f'ħin reali lill-uffiċjali tal-ewwel linja fl-Istati Membri.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Europol tkun awtorizzata ddaħħal allerti fis-SIS skont ir-Regolament (UE) 2018/1862, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

(7) Għal dak l-għan, jenħtieġ li tinħoloq kategorija speċifika ta' allert fis-SIS, li għandha tinħareġ esklussivament mill-Europol, li tinforma lill-utenti finali li jwettqu tfittxija fis-SIS li l-persuna kkonċernata tkun issuspettata li hija involuta f'reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol, u sabiex il-Europol tikseb konferma li l-persuna li tkun soġġetta għall-allert tkun ġiet lokalizzata.

(8) Sabiex jiġi vvalutat jekk każ konkret ikunx adegwat, rilevanti u importanti biżżejjed sabiex jiġġustifika d-dħul ta' allert fis-SIS, u sabiex jiġu kkonfermati l-affidabbiltà tas-sors ta' informazzjoni u l-akkuratezza tal-informazzjoni dwar il-persuna kkonċernata, jenħtieġ li l-Europol twettaq valutazzjoni individwali dettaljata ta' kull każ inklużi konsultazzjonijiet ulterjuri mal-pajjiż terz jew mal-organizzazzjoni internazzjonali li tkun qasmiet id-*data* dwar il-persuna kkonċernata, kif ukoll analiżi ulterjuri tal-każ, b'mod partikolari billi tqabblu ma' informazzjoni li diġà jkollha fil-bażijiet ta' *data* tagħha, sabiex tikkonferma l-akkuratezza tal-informazzjoni u tikkomplementaha b'*data* oħra fuq il-bażi tal-bażijiet ta' *data* tagħha stess. Jenħtieġ li l-valutazzjoni individwali dettaljata tinkludi l-analiżi ta' jekk hemmx raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-persuna tkun wettqet reat kriminali jew ħadet sehem f'reat kriminali, jew se twettaq reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol.

(9) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ddaħħal allert fis-SIS biss jekk il-persuna kkonċernata ma tkunx diġà soġġetta għal allert fis-SIS maħruġ minn Stat Membru. Prekundizzjoni oħra għall-ħolqien ta' allert bħal dan jenħtieġ li tkun li l-Istati Membri ma joġġezzjonawx għall-ħruġ tal-allert fis-SIS. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-obbligi tal-Europol qabel ma ddaħħal id-*data* fis-SIS, b'mod partikolari l-obbligu li l-Istati Membri jiġu kkonsultati f'konformità mar-Regolament (UE)

jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53–114).

2016/794. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-Istati Membri jitolbu t-tħassir ta' allert mill-Europol, b'mod partikolari jekk jiksbu informazzjoni ġdida dwar il-persuna li tkun is-suġġett tal-allert, jekk is-sigurtà nazzjonali tagħhom tkun tirrikjedi dan jew meta x'aktarx li l-allert ikun jirrappreżenta riskju għal inkjesti, għal investigazzjonijiet jew għal proċeduri uffiċjali jew legali.

(10) Għall-finijiet tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data*, tal-awtomonitoraġġ u tal-iżgurar tal-integrità u tas-sigurtà xierqa tad-*data*, jenħtieġ li l-Europol iżżomm rekords tal-valutazzjoni individwali ta' kull każ, li jenħtieġ li jinkludu r-raġunijiet għad-dħul tal-allert. F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jenħtieġ li l-Europol tikkoopera mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u tagħmel dawn ir-rekords disponibbli fuq talba, sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' pproċessar.

(11) Hemm bżonn li jiġu stabbiliti regoli dwar it-tħassir tal-allerti fis-SIS mill-Europol. Jenħtieġ li allert jinżamm biss għaż-żmien meħtieġ sabiex jintlaħaq l-fini li għalih ikun iddaħħal. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji dettaljati li jiddeterminaw meta jenħtieġ li jitħassar l-allert. Jenħtieġ li allert imdaħħal mill-Europol fis-SIS jitħassar, b'mod partikolari, jekk Stat Membru joġġezzjona, jekk Stat Membru jdaħħal allert ieħor fis-SIS jew jekk il-Europol issir taf li l-informazzjoni li tkun irċiviet mingħand il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali ma kinitx korretta jew kienet ikkomunikata lill-Europol għal finijiet illegali, pereżempju jekk il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-persuna kienet motivata minn raġunijiet politiċi.

(12) Meta ddaħħal allerti fis-SIS, jenħtieġ li l-Europol tkun marbuta bl-istess rekwiżiti u obbligi applikabbli għall-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1862 meta jdaħħlu allerti fis-SIS. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Europol tikkonforma ma' standards, ma' protokolli u ma' proċeduri tekniċi komuni stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-interfaċċa teknika tagħha mas-SIS Ċentrali għal trażmissjoni fil-pront u effettiva tad-*data*. Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw ir-regoli ġenerali dwar l-ipproċessar tad-*data*, il-proporzjonalità, il-kwalità tad-*data*, is-sigurtà tad-*data*, ir-rapportar u l-obbligi relatati mal-ġbir tal-istatistika applikabbli għall-Istati Membri meta jdaħħlu allerti fis-SIS jenħtieġ li japplikaw għall-Europol ukoll.

(13) Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] u r-Regolament (UE) 2016/794 jenħtieġ li japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol meta twettaq ir-responsabblitajiet tagħha skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jwettaq awditi perijodiċi dwar l-ipproċessar tad-*data* tal-Europol fir-rigward tas-SIS u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.

(14) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment u r-regolamentazzjoni ta' kategorija speċifika ta' allerti maħruġa mill-Europol fis-SIS sabiex tiġi skambjata informazzjoni dwar persuni li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba n-natura tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju

---

30 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħaq dawk l-objettivi.

(15) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jirrispetta bis-sħiħ il-protezzjoni ta' *data* personali f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea filwaqt li jfittex li jiżgura ambjent sigur għall-persuni kollha li jirrisjedu fit-territorju tal-Unjoni.

(16) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimentah fid-dritt nazzjonali tagħha.

(17) L-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 anness mat-TUE u mat-TFUE u mal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[31] u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745[32].

(18) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[33] li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fil-punt (G) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[34].

(19) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[35], li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fil-punt (G) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri b'mod konġunt mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI[36].

---

[31] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiehu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

[32] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745 tat-18 ta' Novembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-*data* u dwar l-implimentazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-Irlanda (ĠU L 393, 23.11.2020, p. 3).

[33] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[34] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

[35] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[36] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

(20) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tat-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[37], li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fil-punt (G) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE[38].

(21) Fir-rigward tal-Bulgarija u tar-Rumanija, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, u jenħtieġ li jinqara flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE[39] u (UE) 2018/934[40].

(22) Fir-rigward tal-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011, u jenħtieġ li jinqara flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733[41].

(23) Fir-rigward ta' Ċipru dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 [għandha tiżdied id-Deċiżjoni eventwali tal-Kunsill].

(24) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat, f'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42].

(25) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2018/1862 jiġi emendat skont dan,

---

37 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

38 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

39 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal- acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17).

40 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

41 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

42 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

***Artikolu 1***

***Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1862***

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-arkitettura teknika tas-SIS, dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi ("Europol") u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), dwar l-ipproċessar tad-*data*, dwar id-drittijiet tal-persuni kkonċernati u dwar ir-responsabbiltà."

(2) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(22) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) TFUE, bl-eċċezzjoni ta' persuni li jkunu benefiċjarji tad-dritt tal-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE jew skont ftehimiet bejn l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u pajjiżi terzi min-naħa l-oħra;"

(3) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta Stat Membru jqis li l-għoti ta' effett lil allert imdaħħal f'konformità mal-Artikolu 26, 32, 36 jew 37a ma jkunx kompatibbli mad-dritt nazzjonali, l-obbligi internazzjonali jew l-interessi nazzjonali essenzjali tiegħu, dan jista' jkun jeħtieġ li tiżdied marka mal-allert bl-għan li l-azzjoni li tkun se tittieħed fuq il-bażi tal-allert ma titteħidx fit-territorju tiegħu. Il-marki fuq l-allerti mdaħħla f'konformità mal-Artikolu 26, 32 jew 36 għandhom jiżdiedu mill-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru emittenti, il-marki fuq allerti mdaħħla f'konformità mal-Artikolu 37a għandhom jiżdiedu mill-Europol."

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Jekk f'każijiet partikolarment urġenti u serji, Stat Membru emittenti jew il-Europol titlob l-eżekuzzjoni tal-azzjoni, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jeżamina jekk ikunx jista' jippermetti li l-marka miżjuda fuq talba tiegħu, tiġi rtirata. Fejn dan ikun possibbli, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex jiżgura li l-azzjoni li għandha tittieħed, titwettaq immedjatament."

(4) Jiddaħħal il-Kapitolu IXa li ġej:

"KAPITOLU IXa

**ALLERTI MDAĦĦLA MILL-EUROPOL DWAR PERSUNI TA' INTERESS**

*Artikolu 37a*

*Objettivi u kondizzjonijiet għad-dħul ta' allerti*

1. Il-Europol tista' ddaħħal allerti dwar il-persuni fis-SIS għall-fini ta' informar tal-utenti finali li jwettqu tiftix fis-SIS dwar l-involviment suspettat ta' dawk il-persuni f'reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794, kif ukoll għall-fini ta' kisba ta' informazzjoni f'konformitàmal-Artikolu 37b ta' dan ir-Regolament li l-persuna kkonċernata ġiet lokalizzata.

2. Il-Europol tista’ biss iddaħħal allert fis-SIS dwar persuni li huma ċittadini ta’ pajjiżi terzi fuq il-bażi ta’ informazzjoni riċevuta mingħand pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 17(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/794, meta l-informazzjoni tkun relatata ma’ waħda minn dawn li ġejjin:

(a) persuni li jkunu suspettati li wettqu jew li ħadu sehem f’reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol f’konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794, jew li jkunu nstabu ħatja ta’ tali reat;

(b) persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm indikazzjonijiet fattwali jew raġunijiet suffiċjenti sabiex wieħed jemmen li se jwettqu reati kriminali li fir-rigward tagħhom tkun kompetenti l-Europol f’konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794.

3. Il-Europol tista’ biss iddaħħal allert fis-SIS wara li tkun żgurat dan kollu li ġej:

(a) analiżi tad-*data* pprovduta f’konformità mal-paragrafu 2 tkun ikkonfermat l-affidabbiltà tas-sors tal-informazzjoni u l-akkuratezza tal-informazzjoni dwar il-persuna kkonċernata, li tippermetti lill-Europol tiddetermina li dik il-persuna taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-paragrafu 2, fejn meħtieġ, wara li tkun wettqet aktar skambji ta’ informazzjoni mal-fornitur tad-*data* f’konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/794;

(b) verifika tkun ikkonfermat li d-dħul ta’ allert ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Europol kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794;

(c) tiftix fis-SIS, imwettaq f’konformità mal-Artikolu 48 ta’ dan ir-Regolament, ma żvelax l-eżistenza ta’ allert dwar il-persuna kkonċernata;

(d) konsultazzjoni, li tinvolvi l-kondiviżjoni ta’ informazzjoni dwar il-persuna kkonċernata mal-Istati Membri li jipparteċipaw fir-Regolament (UE) 2016/794 f’konformità mal-Artikolu 7 ta’ dak ir-Regolament, tkun ikkonfermat li:

(i) ma tkun ġiet espressa l-ebda intenzjoni minn Stat Membru li jdaħħal allert fis-SIS dwar il-persuna kkonċernata;

(ii) l-ebda oġġezzjoni motivata ma tkun ġiet espressa minn Stat Membru rigward id-dħul propost ta’ allert fis-SIS dwar il-persuna kkonċernata mill-Europol.

4. Il-Europol għandha żżomm rekords dettaljati relatati mad-dħul tal-allert fis-SIS u mar-raġunijiet għal tali dħul sabiex tippermetti li ssir verifika tal-konformità mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3. Dawn ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* meta mitluba.

5. Il-Europol għandha tinforma lill-Istati Membri kollha bid-dħul tal-allert fis-SIS permezz tal-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari f’konformità mal-Artikolu 8 ta’ dan ir-Regolament.

6. Ir-rekwiżiti u l-obbligi applikabbli għall-Istat Membru emittenti fl-Artikoli 20, 21, 22, 42, 56, 59, 61, 62 u 63 għandhom japplikaw għall-Europol meta tiġi pproċessata d-*data* fis-SIS.

*Artikolu 37b*

*Eżekuzzjoni tal-azzjoni fuq il-bażi ta’ allert*

1. Fil-każ ta’ hit dwar allert imdaħħal mill-Europol, l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni għandu:

(a) jiġbor u jikkomunika l-informazzjoni li ġejja:

(i) il-fatt li l-persuna li jkun inħareġ allert dwarha tkun ġiet lokalizzata;

(ii) il-post, il-ħin u r-raġuni għall-verifika;

(b) f'konformità mad-dritt nazzjonali, jiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ li jittieħdu miżuri ulterjuri.

2. L-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a) permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari."

(5) L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Dħul u pproċessar ta' *data* fis-SIS mill-Europol"

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn meħtieġ sabiex twettaq il-mandat tagħha, il-Europol għandu jkollha d-dritt ta' aċċess u ta' tiftix tad-*data* fis-SIS u li ddaħħal, taġġorna u tħassar allerti skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament. Il-Europol għandha ddaħħal, taġġorna, tħassar u tfittex id-*data* fis-SIS permezz ta' interfaċċa teknika dedikata. L-interfaċċa teknika għandha tiġi stabbilita u mantnuta mill-Europol f'konformità mal-istandards, mal-protokolli u mal-proċeduri tekniċi komuni ddefiniti fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament u għandha tippermetti li ssir konnessjoni diretta mas-SIS Ċentrali.

Il-Europol għandha tiskambja informazzjoni supplimentari f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Manwal SIRENE. Għal dak l-għan, il-Europol għandha tiżgura d-disponibbiltà għal informazzjoni supplimentari relatata mal-allerti tagħha stess 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa."

(c) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-użu mill-Europol ta' informazzjoni miksuba minn tiftix fis-SIS jew mill-ipproċessar ta' informazzjoni supplimentari għandu jkun soġġett għall-kunsens tal-Istat Membru li jkun ipprovda l-informazzjoni jew bħala Stat Membru emittenti jew bħala Stat Membru ta' eżekuzzjoni. Jekk l-Istat Membru jippermetti l-użu ta' tali informazzjoni, it-trattament tagħha mill-Europol għandu jkun irregolat bir-Regolament (UE) 2016/794. Il-Europol għandha tikkomunika biss tali informazzjoni lil pajjiżi terzi u lil korpi terzi bil-kunsens tal-Istat Membru li pprovda l-informazzjoni u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*."

(d) jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu jwettaq awditu tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' *data* personali tal-Europol skont dan ir-Regolament f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar tal-anqas kull erba' snin."

(6) L-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. Il-Europol tista' ddaħħal allert dwar persuna għall-finijiet tal-Artikolu 37a(1) għal perijodu ta' sena. Il-Europol għandha tirrieżamina l-ħtieġa li jinżamm l-allert f'dak il-perijodu. Il-Europol għandha, fejn xieraq, tistabbilixxi perijodi iqsar ta' rieżami."

(b) il-paragrafi 6, 7 u 8 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“6. Fi ħdan il-perijodu ta’ rieżami msemmi fil-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 5a, l-Istat Membru emittenti u, fil-każ ta’ *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta’ dan ir-Regolament, il-Europol, jistgħu, b’segwitu għal valutazzjoni individwali komprensiva li għandha tiġi rreġistrata, jiddeċiedu li jżommu l-allert dwar persuna għal aktar żmien mill-perijodu ta’ rieżami, jekk jirriżulta li dan ikun meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet li għalihom ikun iddaħħal l-allert. F’dawn il-każijiet, il-paragrafu 2, 3, 4, 5 jew 5a għandu japplika ukoll għall-estensjoni. Kwalunkwe estensjoni bħal din għandha tiġi kkomunikata lis-CS-SIS.”

“7. L-allerti dwar persuni għandhom jitħassru awtomatikament wara l-perijodu ta’ rieżami msemmi fil-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 5a ikun skada, ħlief meta l-Istat Membru emittenti jew, fil-każ ta’ allerti mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta’ dan ir-Regolament, il-Europol, tkun informat lis-CS-SIS dwar estensjoni skont il-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu. Is-CS-SIS għandha awtomatikament tinforma lill-Istati Membri emittenti jew lill-Europol dwar it-tħassir skedat ta’ *data* erba’ xhur minn qabel.”

“8. L-Istati Membri u l-Europol għandhom iżommu statistika dwar in-numru ta’ allerti dwar persuni li l-perijodi ta’ żamma tagħhom ikunu ġew estiżi f’konformità mal-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu, u jittrażmettuha, fuq talba, lill-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 69.”

(7) Fl-Artikolu 55, jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

“6a. Allerti dwar persuni mdaħħla mill-Europol skont l-Artikolu 37a għandhom jitħassru meta:

(a) l-allert jiskadi f’konformità mal-Artikolu 53;

(b) il-Europol tiddeċiedi li jitħassru, b’mod partikolari meta wara li ddaħħal l-allert, il-Europol issir taf li l-informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 37a(2) ma kinitx korretta jew ġiet ikkomunikata lill-Europol għal skopijiet illegali, jew meta l-Europol issir taf jew tiġi informata minn Stat Membru li l-persuna li tkun is-suġġett tal-allert ma tibqax taqa’ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 37a(2);

(c) ir-riċevuta ta’ notifika, permezz tal-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari, mill-Europol mingħand Stat Membru, li jkun wasal sabiex idaħħal, jew ikun daħħal allert dwar il-persuna li tkun is-suġġett tal-allert maħruġ mill-Europol;

(d) ir-riċevuta ta’ notifika mill-Europol mingħand Stat Membru li jipparteċipa fir-Regolament (UE) 2016/794 f’konformità mal-Artikolu 7 ta’ dak ir-Regolament, dwar l-oġġezzjoni motivata tiegħu għall-allert.”

(8) L-Artikolu 56 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jipproċessaw biss id-*data* msemmija fl-Artikolu 20 għall-finijiet stabbiliti għal kull kategorija ta’ allert imsemmija fl-Artikoli 26, 32, 34, 36, 37a, 38 u 40.”

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“5. Fir-rigward tal-allerti stabbiliti fl-Artikoli 26, 32, 34, 36, 37a, 38 u 40 ta’ dan ir-Regolament, kwalunkwe pproċessar ta’ informazzjoni fis-SIS għal finijiet li mhumiex dawk li għalihom tkun iddaħħlet fis-SIS irid ikun konness ma’ każ speċifiku u ġġustifikat mill-ħtieġa li tiġi impedita theddida serja u imminenti għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika, fuq il-bażi ta’ raġunijiet serji ta’ sigurtà nazzjonali jew għall-

finijiet ta' prevenzjoni ta' reat kriminali serju. L-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat Membru emittenti jew mill-Europol jekk id-*data* tkun iddaħħlet skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, għandha tinkiseb għal dan l-għan."

(9) Fl-Artikolu 61, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Fejn, meta jiddaħħal allert ġdid, isir evidenti li diġà hemm allert fis-SIS dwar persuna bl-istess deskrizzjoni tal-identità, l-Uffiċċju SIRENE għandu jikkuntattja lill-Istat Membru emittenti jew, jekk l-allert iddaħħal skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari fi żmien 12-il siegħa sabiex jikkontroverifika jekk is-suġġetti taż-żewġ allerti humiex l-istess persuna."

"2. Meta l-kontroverifika tiżvela li s-suġġett tal-allert il-ġdid u l-persuna soġġetta għall-allert diġà mdaħħal fis-SIS huma tabilħaqq l-istess persuna, l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru emittenti għandu japplika l-proċedura għad-dħul ta' allerti multipli msemmija fl-Artikolu 23. Permezz ta' deroga, il-Europol għandha tħassar l-allert li tkun daħħlet kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 55(6a)."

(10) L-Artikolu 67 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 67*

*Dritt ta' aċċess, ta' rettifika ta' data mhux akkurata u ta' tħassir ta' data maħżuna mhux skont il-liġi*

(1) Is-suġġetti tad-*data* għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2016/679, fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 14 u l-Artikolu 16(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/680 u fil-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(2) Stat Membru għajr l-Istat Membru emittenti jista' jipprovdi lis-suġġett tad-*data* l-informazzjoni dwar kwalunkwe *data* personali tas-suġġett tad-*data* li tkun qed tiġi pproċessata biss jekk ikun l-ewwel ta lill-Istat Membru emittenti l-opportunità li jiddikjara l-pożizzjoni tiegħu. Jekk id-*data* personali tkun iddaħħlet fis-SIS mill-Europol, l-Istat Membru li jkun irċieva t-talba għandu jirreferi t-talba lill-Europol mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem minn meta jirċiviha, u l-Europol għandha tipproċessa t-talba f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 u mar-Regolament (UE) 2018/1725. Jekk il-Europol tirċievi talba dwar *data* personali mdaħħla fis-SIS minn Stat Membru, il-Europol għandha tirreferi t-talba lill-Istat Membru emittenti tal-allert mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 ijiem minn meta tirċievi t-talba. Il-komunikazzjoni bejn dawk l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Europol għandha ssir permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.

(3) Stat Membru f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, li jinkludi l-liġi li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2016/680 u, fil-każ ta' *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol f'konformità mal-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725, għandhom jieħdu deċiżjoni li ma jipprovdux l-informazzjoni lis-suġġett tad-*data*, kollha kemm hi jew parti minnha, sa fejn u sakemm tali restrizzjoni parzjali jew kompluta tkun tikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika b'kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet fundamentali u għall-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data* kkonċernat, sabiex:

(a) jiġi evitat kwalunkwe ostaklu għal inkjesti, għal investigazzjonijiet jew għal proċeduri uffiċjali jew legali;

(b) jiġi evitat li jiġu kompromessi l-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali;

(c) tiġi protetta s-sigurtà pubblika;

(d) tiġi protetta s-sigurtà nazzjonali; jew

(e) jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru jew, fil-każ ta' *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol, għandha tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub, mingħajr dewmien żejjed, dwar kwalunkwe rifjut jew restrizzjoni ta' aċċess u dwar ir-raġunijiet għar-rifjut jew għar-restrizzjoni. Tali informazzjoni tista' titħalla barra meta l-provvista tagħha tostakola kwalunkwe waħda mir-raġunijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-Istat Membru jew, fil-każ ta' *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol, għandha tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-possibbiltà li jippreżenta lment quddiem awtorità ta' superviżjoni jew li jfittex rimedju ġudizzjarju.

L-Istat Membru, jew, fil-każ ta' *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol, għandha tiddokumenta r-raġunijiet fattwali jew legali li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni li ma tiġix ipprovduta informazzjoni lis-suġġett tad-*data*. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti. F'każijiet bħal dawn, is-suġġett tad-*data* għandu wkoll ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu permezz tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti.

(4) Wara applikazzjoni għal aċċess, għal rettifika jew għal tħassir, l-Istat Membru jew, fil-każ ta' *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol, għandha tinforma lis-suġġett tad-*data* dwar is-segwitu mogħti għall-eżerċizzju tad-drittijiet skont dan l-Artikolu mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra meta jkun hemm bżonn, b'kunsiderazzjoni tal-kumplessità u tan-numru tat-talbiet. L-Istat Membru jew, fil-każ ta' *data* personali mdaħħla fis-SIS skont l-Artikolu 37a ta' dan ir-Regolament, il-Europol, għandha tinforma lis-suġġett tad-*data* dwar kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. Meta s-suġġett tad-*data* jagħmel it-talba b'mezzi f'forma elettronika, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, fejn ikun possibbli, sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mis-suġġett tad-*data*. "

(11) L-Artikolu 68 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 68*

*Rimedji*

(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar rimedji tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-Direttiva (UE) 2016/680, jista' jsir rikors minn kwalunkwe persuna quddiem kwalunkwe awtorità superviżorja jew qorti, skont id-dritt ta' kwalunkwe Stat Membru għall-aċċess, għar-rettifika, għat-tħassir, għall-kisba ta' informazzjoni jew għall-kisba ta' kumpens fir-rigward ta' allert relatat magħha.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimedji tar-Regolament (UE) 2018/1725, kull persuna tista' tippreżenta lment quddiem il-Kontrollur Ewropew

għall-Protezzjoni tad-*Data* sabiex ikollha aċċess, tirrettifika, tħassar, tikseb informazzjoni jew tikseb kumpens b'rabta ma' allert relatat magħha mdaħħal mill-Europol.

(3) L-Istati Membri u l-Europol jimpenjaw ruħhom reċiprokament li jinfurzaw id-deċiżjonijiet finali meħuda mill-qrati, mill-awtoritajiet jew mill-korpi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 72.

(4) L-Istati Membri u l-Europol għandhom kull sena jibagħtu rapport lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar:

(a) in-numru ta' talbiet għall-aċċess ippreżentati lill-kontrollur tad-*data* u n-numru ta' każijiet li fihom ikun ingħata aċċess għad-*data*;

(b) in-numru ta' talbiet għall-aċċess ippreżentati lill-awtorità superviżorja u n-numru ta' każijiet li fihom ikun ingħata aċċess għad-*data*;

(c) in-numru ta' talbiet għar-rettifika ta' *data* mhux akkurata u għat-tħassir ta' *data* maħżuna mhux skont il-liġi, lill-kontrollur tad-*data* u n-numru ta' każijiet li fihom id-*data* tkun ġiet irrettifikata jew tħassret;

(d) in-numru ta' talbiet għar-rettifika ta' *data* mhux akkurata u għat-tħassir ta' *data* maħżuna b'mod illegali ippreżentati lill-awtorità superviżorja;

(e) in-numru ta' proċedimenti tal-qorti mibdija;

(f) in-numru ta' każijiet li fihom il-qorti tkun qatgħet il-kawża favur ir-rikorrent;

(g) kwalunkwe osservazzjoni dwar każijiet ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet finali mill-qrati jew mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra dwar allerti mdaħħla mill-Istat Membru emittenti jew mill-Europol.

Mudell għar-rapportar imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jkun inkluż fil-Manwal SIRENE.

(5) Ir-rapporti mill-Istati Membri u mill-Europol għandhom jiġu inklużi fir-rapport konġunt imsemmi fl-Artikolu 71(4)."

(12) L-Artikolu 72 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 72*

*Responsabbiltà*

(1) Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal kumpens u għal kwalunkwe responsabbiltà skont ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva (UE) 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament (UE) 2016/794:

(a) kwalunkwe persuna jew Stat Membru li jkun ġarrab dannu materjali jew mhux materjali minn Stat Membru b'riżultat ta' operazzjoni illegali ta' pproċessar ta' *data* personali bl-użu tal-N.SIS jew kwalunkwe att ieħor li ma jkunx kompatibbli ma' dan ir-Regolament, għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens mingħand dak l-Istat Membru;

(b) kwalunkwe persuna jew Stat Membru li jkun ġarrab dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' kwalunkwe att mill-Europol li ma jkunx kompatibbli ma' dan ir-Regolament, għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens mill-Europol;

(c) kwalunkwe persuna jew Stat Membru li jkun ġarrab dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' kwalunkwe att mill-eu-LISA li ma jkunx kompatibbli ma' dan ir-Regolament, għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens mill-eu-LISA.

Stat Membru, il-Europol jew l-eu-LISA għandha tkun eżentata mir-responsabbiltà tagħha, kollha kemm hi jew parzjalment, jekk tagħti prova li ma tkunx responsabbli għall-avveniment li jkun wassal għad-dannu.

(2) Jekk kwalunkwe nuqqas min-naħa ta' Stat Membru jew tal-Europol milli tikkonforma mal-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament jikkawża dannu lis-SIS, dak l-Istat Membru jew il-Europol għandha tinżamm responsabbli għal tali dannu, ħlief jekk u sa fejn l-eu-LISA jew Stat Membru ieħor li jieħu sehem fis-SIS ikun naqas milli jieħu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjeni li d-dannu jseħħ jew sabiex jimminimizza l-impatt tiegħu.

(3) It-talbiet għal kumpens kontra Stat Membru għad-dannu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu rregolati bid-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. It-talbiet għal kumpens kontra l-Europol għad-dannu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu rregolati bir-Regolament (UE) 2016/794 u soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fit-Trattati. It-talbiet għal kumpens kontra l-eu-LISA għad-dannu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fit-Trattati."

(13) Fl-Artikolu 74, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. L-eu-LISA għandha tipproduċi kuljum, kull xahar u kull sena, statistika li turi n-numru ta' reġistri għal kull kategorija ta' allerti, kemm għal kull Stat Membru kif ukoll flimkien. L-eu-LISA għandha tipprovdi wkoll rapporti annwali dwar in-numru ta' hits għal kull kategorija ta' allerti, in-numru ta' drabi li sar tiftix fis-SIS u n-numru ta' drabi li s-SIS ġiet aċċessata għall-fini tad-dħul, tal-aġġornar jew tat-tħassir ta' allert, kemm għal kull Stat Membru, għall-Europol kif ukoll għal kollha kemm huma flimkien. L-istatistika prodotta ma għandux ikun fiha *data* personali. Ir-rapport statistiku annwali għandu jiġi ppubblikat."

(14) Fl-Artikolu 79, jiddaħħal il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi d-data li fiha l-Europol għandha tibda ddaħħal, taġġorna u tħassar *data* fis-SIS skont dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament [XXX], wara verifika li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament ikunu ġew emendati sal-punt meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament [XXX];

(b) il-Europol tkun innotifikat lill-Kummissjoni li għamlet l-arranġamenti tekniċi u proċedurali meħtieġa sabiex tipproċessa d-*data* tas-SIS u sabiex tiskambja informazzjoni supplimentari skont dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament [XXX];

(c) l-eu-LISA tkun innotifikat lill-Kummissjoni li lestiet b'suċċess l-attivitajiet kollha ta' ttestjar fir-rigward tas-CS-SIS u tal-interazzjoni bejn is-CS-SIS u l-interfaċċa teknika tal-Europol imsemmija fl-Artikolu 48(1) ta' dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament [XXX].

Din id-deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

### *Artikolu 2*

### *Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 79(7) tar-Regolament (UE) 2018/1862.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA – "AĠENZIJI"

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta hija marbuta ma'

1.4. Objettivi

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta

1.6. Durata u impatt finanzjarju stmat tal-proposta

1.7. Il-metodu previst tal-ġestjoni

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u n-nefqa tal-baġit affettwati

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA – "AĠENZIJI"

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

## 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Affarijiet Interni

Attività: Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri

Nomenklatura: 11 10 02

1118.0207: Ġestjoni tal-Fruntieri - Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)

## 1.3. Il-proposta hija marbuta ma'

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[43]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/f'azzjoni ġdida**

## 1.4. Objettivi

### *1.4.1. Objettivi ġenerali*

Bi tweġiba għal ħtiġijiet operazzjonali urġenti u għat-talbiet mill-koleġiżlaturi għal appoġġ aktar b'saħħtu għall-Europol, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 ħabbar inizjattiva leġiżlattiva sabiex "[jissaħħaħ] ukoll il-mandat tal-Europol sabiex [tissaħħaħ] il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija".

Wieħed mill-elementi ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva huwa li jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet tal-Europol fil-kondiviżjoni tal-analiżi mill-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali direttament u f'ħin reali mal-uffiċjali tal-ewwel linja fl-Istati Membri. Il-proposta sabiex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/1862 dwar is-SIS tikkontribwixxi għal din l-inizjattiva billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tas-SIS bil-ħolqien ta' kategorija separata ġdida ta' allerti li għandha tintuża mill-Europol għall-kondiviżjoni ta' din id-*data*, skont kundizzjonijiet stretti, mal-uffiċjali tal-ewwel linja fl-Istati Membri.

Din hija azzjoni importanti tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE ta' Lulju 2020. F'konformità mas-sejħa tal-Linji Gwida politiċi sabiex "nagħmlu dak kollu li hu possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna", l-

43 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

inizjattiva hija mistennija li ssaħħaħ lill-Europol sabiex tgħin lill-Istati Membri jżommu liċ-ċittadini sikuri.

L-objettivi ġenerali ta' din l-inizjattiva jirriżultaw miż-żewġ għanijiet ibbażati fuq it-Trattat:

1. li l-Europol tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa lil żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni;

2. li l-eu-LISA tappoġġa lill-Europol u lill-Istati Membri fl-iskambju ta' informazzjoni għall-fini tal-prevenzjoni tal-kriminalità serja jew tat-terroriżmu.

*1.4.2. Objettiv speċifiku*

L-objettiv speċifiku joħroġ mill-objettivi ġenerali deskritti hawn fuq: "il-provvista lill-uffiċjali tal-ewwel linja tar-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi."

L-għan huwa li l-uffiċjali tal-ewwel linja jiġu pprovduti bir-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali dwar persuni suspettati u kriminali meta u fejn dan ikun meħtieġ.

L-għan sottostanti huwa li l-uffiċjali tal-ewwel linja jingħataw aċċess dirett u f'ħin reali għal din id-*data* meta jivverifikaw persuna fil-fruntiera esterna jew fit-territorju tal-UE, sabiex jingħataw appoġġ fil-kompiti tagħhom.

*1.4.3. Riżultati u impatt mistennija*

Il-proposta se tkun ta' benefiċċju primarjament għall-individwi u għas-soċjetà inġenerali billi ttejjeb il-kapaċità tal-Europol li tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità u fil-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE. Iċ-ċittadini se jibbenefikaw direttament u indirettament minn rati aktar baxxi ta' kriminalità, minn danni ekonomiċi mnaqqsa, u minn anqas kostijiet relatati mas-sigurtà.

Il-proposta ma fihiex obbligi regolatorji għaċ-ċittadini/għall-konsumaturi, u ma toħloqx kostijiet addizzjonali f'dak ir-rigward.

Il-proposta se toħloq ekonomiji ta' skala għall-amministrazzjonijiet peress li se tbiddel l-implikazzjonijiet tar-riżorsi tal-attivitajiet immirati mil-livell nazzjonali għal-livell tal-UE. L-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri se jibbenefikaw direttament mill-proposta bis-saħħa tal-ekonomiji ta' skala li jwasslu għall-iffrankar tal-ispejjeż amministrattivi.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

L-indikaturi ewlenin li ġejjin se jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-prestazzjoni tal-objettivi speċifiċi:

Objettiv speċifiku: "dħul fis-seħħ tal-funzjonalitajiet aġġornati tas-SIS Ċentrali sal-aħħar tal-2022"

Indikaturi għall-Europol:

- it-twaqqif ta' intefaċċa teknika għad-dħul, għall-aġġornar u għat-tħassir ta' allerti fis-SIS Ċentrali;

- it-tlestija b'suċċess tat-testijiet organizzati mill-eu-LISA.

Indikaturi għall-eu-LISA:

- it-tlestija b'suċċess ta' ttestjar komprensiv ta' qabel it-tnedija fil-livell Ċentrali;

- it-tlestija b'suċċess ta' testijiet mal-Europol sabiex tiġi trażmessa *data* lis-SIS Ċentrali u mal-Istati Membri u mas-sistemi tal-Aġenziji kollha;

- it-tlestija b'suċċess tat-testijiet SIRENE għall-kategorija l-ġdida ta' allerti.

F'konformità mal-Artikolu 28 tal-FFR u sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda, l-eu-LISA diġà timmonitorja l-progress fil-kisba tal-objettivi tagħha b'indikaturi tal-prestazzjoni. L-aġenzija bħalissa għandha 29 Indikatur Ewlieni Korporattiv tal-Prestazzjoni. Dawn l-indikaturi huma rrapportati fir-Rapport Annwali ta' Attività Konsolidat tal-eu-LISA, li jinkludi monitoraġġ ċar tal-mira sal-aħħar tas-sena kif ukoll tqabbil mas-sena ta' qabel. Dawn l-indikaturi se jiġu adattati kif meħtieġ wara l-adozzjoni tal-proposta.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fit-terminu qasir jew fit-tul inkluża skeda ta' żmien dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

It-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva teħtieġ miżuri tekniċi u proċedurali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li jenħtieġ li jibdew meta tidħol fis-seħħ il-leġiżlazzjoni riveduta.

Ir-riżorsi rilevanti – b'mod partikolari r-riżorsi umani - jenħtieġ li jiġu żgurati sabiex l-eu-LISA tkun tista' tikkontribwixxi għas-servizzi tal-Europol.

Ir-rekwiżiti ewlenin wara d-dħul fis-seħħ tal-proposta huma kif ġej fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tas-SIS Ċentrali mill-eu-LISA:

- li tiġi żviluppata u implimentata kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS Ċentrali f'konformità mar-rekwiżiti ddefiniti fir-regolament;

- li jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati mal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Uffiċċji SIRENE u l-Europol;

- li tiġi żviluppata l-funzjonalità għall-Istati Membri u għall-Aġenziji sabiex jagħmlu tfittxijiet fis-Sistema Ċentrali dwar din il-kategorija ta' allerti;

- li jiġu aġġornati l-funzjonalitajiet fis-SIS Ċentrali relatati mar-rapportar u mal-istatistika.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Il-kriminalità serja u t-terroriżmu huma ta' natura transnazzjonali. Għalhekk, l-azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha ma tistax tirribattihom b'mod effettiv. Din hija r-raġuni għaliex l-Istati Membri jagħżlu li jaħdmu flimkien fil-qafas tal-UE sabiex jindirizzaw it-theddidiet li jirriżultaw mill-kriminalità serja u mit-terroriżmu.

Il-proposta se toħloq ekonomiji ta' skala sinifikanti fil-livell tal-UE, peress li se ċċaqlaq il-kompiti u s-servizzi, li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE, mil-livell nazzjonali għall-eu-LISA u għall-Europol. Għalhekk, il-proposta tipprovdi għal soluzzjonijiet effiċjenti għall-isfidi, li kieku jkollhom jiġu indirizzati bi spejjeż ogħla b'27 soluzzjoni nazzjonali individwali, jew għal sfidi li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali minħabba n-natura transnazzjonali tagħhom.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-proposta tibni fuq il-ħtieġa li l-Europol u l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà transnazzjonali li qed jevolvu kontinwament lil hinn mil-livell nazzjonali biss.

L-Ewropa qed taffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà li ma tiqafx tinbidel, b'theddidiet għas-sigurtà li jevolvu dejjem aktar u dejjem aktar kumplessi. Il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li jġibu magħhom it-trasformazzjoni diġitali, it-teknoloġiji l-ġodda, il-globalizzazzjoni u l-mobbiltà, inklużi l-interkonnettività u n-nuqqas ta' ċarezza tal-konfini bejn id-dinja fiżika u diġitali. Il-kriżi tal-COVID-19 kompliet tgħarraq is-sitwazzjoni, hekk kif il-kriminali malajr ħatfu l-opportunitajiet sabiex jisfruttaw il-kriżi billi jadattaw il-modi ta' operazzjoni tagħhom jew billi jiżviluppaw attivitajiet kriminali ġodda

Dawn it-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu jitolbu appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għamlu dejjem aktar użu mill-appoġġ u mill-għarfien espert li toffri l-Europol sabiex għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Din il-proposta tibni wkoll fuq it-tagħlimiet meħuda u fuq il-progress miksub sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti SIS tal-2018, mill-iżviluppi li saru mill-eu-LISA sabiex timplimenta r-Regolamenti SIS tal-2018, u mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2018 dwar l-eu-LISA, filwaqt li tirrikonoxxi li l-importanza operazzjonali tal-kompiti tal-aġenzija diġà nbidlet sostanzjalment. L-ambjent il-ġdid tat-theddidiet biddel l-appoġġ li jeħtieġu u jistennew l-Istati Membri fost kompiti oħra wkoll mill-eu-LISA sabiex jingħata appoġġ lill-Europol bl-għan li ċ-ċittadini jinżammu sikuri,

b'mod li ma kienx prevedibbli meta l-koleġiżlaturi nnegozjaw il-mandat kurrenti tal-Europol.

Ir-rieżami preċedenti tal-mandat tal-eu-LISA u d-domanda dejjem akbar għas-servizzi mill-Istati Membri wrew li l-kompiti tal-eu-LISA jeħtieġ li jkunu sostnuti minn riżorsi finanzjarji u umani adegwati.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Il-proposta twieġeb għax-xenarju tas-sigurtà li qed jinbidel minħabba li se tappoġġa lill-eu-LISA sabiex din tipprovdi lill-Europol bil-kapaċitajiet u bl-għodod meħtieġa sabiex tappoġġa lill-Istati Membri b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Il-Komunikazzjoni "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss"[44] enfasizzat il-ħtieġa li tinbena Unjoni aktar reżiljenti hekk kif il-kriżi tal-COVID-19 "kixfet ukoll għadd ta' vulnerabbiltajiet u żieda sinifikanti f'ċerti reati, bħaċ-ċiberkriminalità. Dan juri l-ħtieġa li tissaħħaħ l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE".

Din il-proposta hija kompletament allinjata mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020, li ħabbar inizjattiva leġiżlattiva sabiex "[jissaħħaħ] ukoll il-mandat tal-Europol sabiex [tissaħħaħ] il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija"[45]. L-eu-LISA se tikkontribwixxi għal dan l-objettiv billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tas-SIS sabiex tkun tista' tinħoloq kategorija separata ġdida ta' allerti mill-Europol.

Dan it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol huwa wieħed mill-azzjonijiet ewlenin identifikati fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar is-Sigurtà tal-UE ta' Lulju 2020[46]. Europol aktar effettiva se tiżgura li l-aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod sħiħ u tkun tista' tgħin sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet strateġiċi għall-Unjoni tas-Sigurtà.

F'konformità mas-sejħa tal-Linji Gwida Politiċi[47] sabiex "nagħmlu dak kollu li hu possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna", din il-proposta tindirizza dawk l-oqsma li fihom il-partijiet ikkonċernati jitolbu sostenn imsaħħaħ lill-Europol sabiex l-Istati Membri jkunu megħjuna jżommu liċ-ċittadini sikuri.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti disponibbli ta' finanzjament, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 tirrikonoxxi l-ħtieġa li tissaħħaħ l-eu-LISA sabiex jiżdied l-appoġġ lill-Istati Membri għall-ġestjoni effettiva tal-fruntieri fl-2021.

Mill-2016 u mill-aħħar reviżjoni tal-mandat tal-eu-LISA, ix-xejra kienet lejn tkabbir esponenzjali tal-flussi tad-*data* tal-aġenzija u tad-domanda għas-servizzi tagħha[48], li wassal għal talbiet għal żidiet baġitarji u tal-persunal akbar mil-livelli inizjalment ipprogrammati.

[44] COM(2020) 456 (27.5.2020)
[45] COM(2020) 440 final – Annessi 1 sa 2 (27.5.2020)
[46] COM(2020) 605 final (24.7.2020).
[47] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_mt.pdf.
[48] L-indikaturi operazzjonali tal-eu-LISA għall-2019 għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen juru li t-tiftix u l-hits ittriplikaw minn 6 miljun fl-2014 għal 18-il miljun fl-2019.

Għalhekk, peress li l-proposta se tintroduċi kompiti importanti ġodda fir-Regolament dwar l-eu-LISA u se tiċċara, tikkodifika u tagħti dettalji dwar kompiti oħra, u b'hekk testendi l-kapaċitajiet tal-eu-LISA fil-kuntest tat-trattati, din ma tistax tiġi koperta b'livell stabbli ta' riżorsi. Il-proposta teħtieġ li tkun sostnuta minn żidiet fir-riżorsi finanzjarji u umani xierqa li jinsabu fl-Intestatura 4 "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" tal-QFP 2021-2027.

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perijodu ta' bidu mill-2021 sal-2022,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Il-metodu previst tal-ġestjoni[49]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li jridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ il-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

– ☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-linja bażi għall-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-eu-LISA ġiet identifikata fuq il-bażi tal-Iskeda tal-QFP Nru 68[50] u tad-Dokument ta' Ħidma III li jakkumpanja l-Abbozz tal-Baġit 2021. L-informazzjoni f'din l-LFS hija mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni tal-QFP 2021-2027 u tal-Baġit 2021.

Fin-nuqqas ta' votazzjonijiet li jgħaddu l-QFP 2021-2027 u l-Baġit 2021, l-impatt finanzjarju stmat tal-inizjattiva jinkludi biss ir-riżorsi meħtieġa minbarra l-kontribuzzjoni tal-linja bażi tal-UE tal-eu-LISA (kostijiet addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi).

[49] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

[50] Dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-kummissjoni – Decentralised agencies and EPPO.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-proposta se jsegwu l-prinċipji deskritti fir-Regolament dwar l-eu-LISA[51], fir-Regolament Finanzjarju[52] u f'konformità mal-approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati[53].

L-eu-LISA jeħtiġilha b'mod partikolari tibgħat kull sena lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Dokument Uniku ta' Programmazzjoni li jkun fih programmi ta' ħidma pluriennali u annwali u programmazzjoni tar-riżorsi. Id-Dokument jistabbilixxi l-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-kisba tal-objettivi u tar-riżultati. L-eu-LISA jeħtiġilha tippreżenta wkoll Rapport Annwali Konsolidat ta' Attività lill-bord ta' amministrazzjoni. Dan ir-rapport jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi u tar-riżultati stabbiliti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni. Ir-rapport irid jintbagħat ukoll lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Barra minn hekk, kif spjegat fl-Artikolu 39 tar-Regolament dwar l-eu-LISA, sat-12 ta' Diċembru 2023, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Bord ta' Amministrazzjoni, għandha tevalwa, f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni, it-twettiq tal-Aġenzija fir-rigward tal-objettivi, tal-mandat, tal-postijiet u tal-kompiti tagħha. Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-mod li bih, u sa liema punt, l-Aġenzija tikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT koordinat, kosteffettiv u koerenti fil-livell tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja. B'mod partikolari, dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa possibbli li jiġu mmodifikati l-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe tali modifika. Il-Bord ta' Amministrazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-emendi għal dan ir-Regolament lill-Kummissjoni.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni tal-Aġenzija ma tibqax ġustifikata fir-rigward tal-objettivi, tal-mandat u tal-kompiti assenjati lilha, hija tista' tipproponi li dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq jew inkella jitħassar.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord ta' Amministrazzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Is-sejbiet tal-valutazzjoni għandhom isiru pubbliċi.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-operat tas-SIS, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2018/1862, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-eu-LISA se jirrieżaminaw u jimmonitorjaw b'mod regolari l-użu tas-SIS, sabiex jiżguraw li din tkompli tiffunzjona b'mod effettiv u effiċjenti.

---

[51] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 (ĠU L 295/99 tal-21.11.2018).

[52] Id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni Nru 2019-198 li tistabbilixxi r-Regoli Finanzjarji tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) tat-28.08.2019.

[53] https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf

L-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2018/1862 jipprevedi l-evalwazzjoni tal-użu tas-SIS mill-Europol imwettqa mill-Kummissjoni tal-anqas kull ħames snin. Din l-evalwazzjoni se tkopri l-proċeduri tal-Europol sabiex iddaħħal id-*data* fis-SIS. Il-Europol se jkollha tiżgura li jingħata segwitu adegwat għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-evalwazzjoni. Jintbagħat rapport dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u s-segwitu tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2018/1862 jinkludi dispożizzjonijiet fl-Artikolu 74(9) għal proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni formali u regolari li se jkun applikabbli wkoll għall-kategorija l-ġdida ta' allerti introdotta b'din l-emenda.

## 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Meta jitqies li l-proposta tħalli impatt fuq il-kontribuzzjoni annwali tal-UE lill-eu-LISA, il-baġit tal-UE se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta.

Skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-baġit tal-eu-LISA għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti[54]. Għalhekk, l-eu-LISA hija marbuta li timplimenta strateġija ta' kontroll xierqa kkoordinata fost l-atturi xierqa involuti fil-katina ta' kontroll.

Fir-rigward tal-kontrolli *ex post*, l-eu-LISA, bħala aġenzija deċentralizzata, hija soġġetta b'mod partikolari għal:

- awditu intern mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni;

- rapporti annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li fihom tipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti;

- il-kwittanza annwali mogħtija mill-Parlament Ewropew;

- l-investigazzjonijiet possibbli mwettqa mill-OLAF sabiex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li r-riżorsi allokati lill-aġenziji jintużaw kif suppost.

Bħala DĠ sieħeb għall-eu-LISA, id-DĠ HOME se jimplimenta l-Istrateġija ta' Kontroll tiegħu fuq l-aġenziji deċentralizzati sabiex jiżgura rapportar affidabbli fil-qafas tar-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu. Filwaqt li l-aġenziji deċentralizzati għandhom responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, id-DĠ HOME huwa responsabbli għall-ħlas regolari tal-kontribuzzjonijiet annwali stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja.

Fl-aħħar nett, l-Ombudsman Ewropew jipprovdi saff ieħor ta' kontroll u ta' responsabbiltà fl-eu-LISA.

### *2.2.2. Informazzjoni rigward ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ġew identifikati r-riskji li ġejjin:

- diffikultajiet potenzjali għall-eu-LISA fil-ġestjoni tal-iżviluppi ppreżentati fil-proposta kurrenti b'mod parallel ma' żviluppi oħra li għaddejjin (eż. is-Sistema ta'

[54] L-Artikolu 30 tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA

Dħul u Ħruġ, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, u t-titjib tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac);

- dipendenzi bejn it-tħejjijiet li għandhom isiru mill-eu-LISA fir-rigward tas-SIS Ċentrali u t-tħejjijiet li għandhom isiru mill-Europol fir-rigward tat-twaqqif ta' interfaċċa teknika sabiex tiġi trażmessa *data* lis-SIS;

- frammentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-eu-LISA minħabba l-multiplikazzjoni tal-kompiti u tat-talbiet;

- in-nuqqas ta' livelli adegwati ta' riżorsi finanzjarji u umani sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet operazzjonali;

- in-nuqqas ta' riżorsi tal-ICT, li jirriżulta f'dewmien fl-iżviluppi u fl-aġġornamenti neċessarji tas-sistema ewlenija;

- ir-riskji relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali mill-eu-LISA u l-ħtieġa li jiġu evalwati u adattati b'mod regolari s-salvagwardji proċedurali u tekniċi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' *data* personali u tad-drittijiet fundamentali.

L-eu-LISA timplimenta Qafas speċifiku ta' Kontroll Intern ibbażat fuq il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni Ewropea. Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni jrid jipprovdi informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll intern, filwaqt li r-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) irid ikun fih informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju. Is-CAAR 2019 jirrapporta li, il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontrolli interni xierqa huma fis-seħħ u li dawn qed jiffunzjonaw kif maħsub. Matul is-sena, ir-riskji ewlenin ġew identifikati u ġestiti b'mod xieraq. Din l-assigurazzjoni hija kkonfermata wkoll mir-riżultati tal-awditi interni u esterni mwettqa.

Livell ieħor ta' superviżjoni interna huwa pprovdut ukoll mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA, fuq il-bażi ta' pjan tal-awditu annwali li b'mod partikolari jqis il-valutazzjoni tar-riskji fl-eu-LISA. Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tgħin lill-eu-LISA fl-ilħuq tal-objettivi tagħha billi ġġib approċċ sistematiku u dixxiplinat għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-ġestjoni tar-riskju, tal-kontroll u tal-proċessi ta' governanza, u billi toħroġ rakkomandazzjonijiet għat-titjib tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-eu-LISA (funzjoni indipendenti marbuta direttament mas-Segretarjat tal-Bord ta' Amministrazzjoni) jissorveljaw l-ipproċessar ta' *data* personali mill-eu-LISA.

Fl-aħħar nett, bħala DĠ sieħeb tal-eu-LISA, id-DĠ HOME jmexxi eżerċizzju annwali ta' ġestjoni tar-riskju sabiex jidentifika u jivvaluta r-riskji għolja potenzjali relatati mal-operazzjonijiet tal-aġenziji, inkluża l-eu-LISA. Ir-riskji kkunsidrati bħala kritiċi jiġu rrapportati kull sena fil-pjan ta' ġestjoni tad-DĠ HOME u jiġu akkumpanjati minn pjan ta' azzjoni li jiddikjara l-azzjoni ta' mitigazzjoni.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-proporzjon ta' "kostijiet tal-kontrolli/il-valur tal-fondi relatati ġestiti" huwa rapportat mill-Kummissjoni. Ir-RAA tal-2019 ta' DĠ HOME jirrapporta 0,28 % għal dan il-proporzjon fir-rigward tal-Entitajiet Fdati tal-Ġestjoni Indiretta u tal-Aġenziji Deċentralizzati, inkluża l-eu-LISA.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet annwali tal-eu-LISA għall-2018, li jimplika rata ta' żball ta' anqas minn 2 %. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rata ta' żball se tmur għall-agħar fis-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, l-artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA jipprevedi l-possibbiltà li l-aġenzija taqsam kapaċità tal-awditjar intern ma' korpi oħra tal-Unjoni li jaħdmu fl-istess qasam ta' politika jekk il-kapaċità tal-awditjar intern ta' korp uniku tal-Unjoni ma tkunx kosteffettiva.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Il-miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra huma deskritti, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 50 tar-Regolament tal-eu-LISA u taħt it-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA.

L-eu-LISA għandha tipparteċipa b'mod partikolari f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi u tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar każijiet ta' frodi preżunta u ta' irregolaritajiet finanzjarji preżunti oħra – f'konformità mal-istrateġija interna tagħha kontra l-frodi.

Barra minn hekk, bħala DĠ sieħeb, id-DĠ HOME żviluppa u implimenta l-istrateġija tiegħu stess kontra l-frodi fuq il-bażi tal-metodoloġija pprovduta mill-OLAF. L-aġenziji deċentralizzati, inkluża l-Europol, jaqgħu fl-ambitu tal-istrateġija. Ir-RAA tad-DĠ HOME għall-2019 ikkonkluda li l-proċessi ta' prevenzjoni u ta' detezzjoni tal-frodi ħadmu b'mod sodisfaċenti u, għalhekk, ikkontribwew għall-assigurazzjoni fuq il-kisba tal-objettivi ta' kontroll intern.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata:

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Type of nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[55] | mill-pajjiżi tal-EFTA[56] | minn pajjiżi kandidati[57] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 4 | 11 10 02 – Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) | Diff. | LE | LE | IVA | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Type of nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Heading…………………………………… …] | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.SS.SS.SS] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

[55] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[56] EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[57] Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 4 | Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri |
|---|---|---|

| eu-LISA: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | | | Year **2021**[58] | Year **2022** | Year **2023** | Year **2024** | Year **2025** | Year **2026** | Year **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 0,160 | 0,160 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0,320** |
| | Pagamenti | (2) | 0,160 | 0,160 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0,320** |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| | Pagamenti | (2a) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| Titolu 3: | Impenji | (3a) | 0 | 1,500 | | | | | | **1,500** |
| | Pagamenti | (3b) | 0 | 1,500 | | | | | | **1,500** |
| **TOTAL tal-Approprjazzjonijiet għal eu-LISA** | Impenji | =1+1a +3a | 0,160 | 1,660 | | | | | | **1,820** |
| | Pagamenti | =2+2a 3b | 0,160 | 1,660 | | | | | | **1,820** |

58 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

f’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Year **N** | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | | | | | | | | |

f’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Year **2021**[59] | Year **2022** | Year **2023** | Year **2024** | Year **2025** | Year **2026** | Year **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,160 | 1,660 | | | | | | **1,820** |
| | Pagamenti | 0,160 | 1,660 | | | | | | **1,820** |

59 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-eu-LISA*

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Indika l-objettivi u r-riżultati** ⇩ | | | Year **2021** | | Year **2022** | | Year **2023** | | Year **2024** | | Year **2025** | | Year **2026** | | Year **2027** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[60] | Spiża medja | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru totali | Spiża totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[61] Żvilupp tas-Sistema Ċentrali | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | 1 | 1,500 | 1 | | | | | | | | | | 1 | **1,500** |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | 1 | 1,500 | 1 | | | | | | | | | | 1 | **1,500** |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 Manutenzjoni tas-Sistema Ċentrali | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[60] Riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu forniti (eż.: numru ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, numru ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[61] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…”

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | |

*3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-eu-LISA*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Year 2021 [62] | Year 2022 | Year 2023 | Year 2024 | Year 2025 | Year 2026 | Year 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | | | | | | | | |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | | | | | |
| Persunal bil-kuntratt | 0,160 | 0,160 | | | | | | **0,320** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,160** | **0,160** | | | | | | **0,320** |

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

| | Year 2021 [63] | Year 2022 | Year 2023 | Year 2024 | Year 2025 | Year 2026 | Year 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | | | | | | | | |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | | | | | |
| Persunal bil-kuntratt | 2 | 2 | | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | | | |

[62] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

[63] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **2** | **2** | | | | | | |

Ir-reklutaġġ huwa ppjanat għall-2021, sabiex il-persunal ikun disponibbli ħalli jibda l-iżvilupp tas-SIS Ċentrali fi żmien debitu bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-kategorija maħluqa ġdida ta' allerti sal-2022.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' punt deċimali wieħed)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[64] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 04 *ss*[65] - fil-Kwartieri Ġenerali[66] | | | | | | | |
| **XX** 01 04 *ss*[65] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

64 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

65 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

66 Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

Deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li titniżżel fit-taqsima 3 tal-Anness V.

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| Kummenti: |
|---|
| Il-proposta hija kompatibbli mal-QFP 2021-2027.<br>F'dan l-istadju ma hija ppjanata l-ebda programmazzjoni mill-ġdid tal-QFP 2021-2027; madankollu, dan ma jeskludix il-possibbiltà ta' programmazzjoni mill-ġdid fil-futur.<br>L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-eu-LISA se jiġi kkumpensat permezz ta' tnaqqis kumpensatorju min-nefqa pprogrammata taħt l-Intestatura 4. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[67].

| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet tal-parti terza*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Year **N** | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

67 Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

## 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva[68] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Year **N** | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu sabiex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

68 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.